***ACTIO REDHIBITORIA U AESTIMATORIA***

***PERJODU TA' DEKADENZA***

***ART 1431 – KAP 16***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 12 ta' Dicembru, 2001**

**Kawza Numru: 19**
**Citazzjoni Numru:1175/95/RCP**

**Pierre Ciantar**

**vs**

**Mario Xuereb ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' UCIM Co. Limited u, okkorrendo, Avukat Dottor Andrew Muscat ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Meridian Enterprises Limited u b'nota tad-29 ta' Settembru 1995 Alfred Formosa ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta'**

**UCIM Co. Limited assuma l-atti tal-kawza minflok Mario Xuereb nomine.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attur xtara karozza Hyundai Lantra numru O-7070 minghand il-konvenuti nomine, li giet ikkonsenjata lilu fil-21 ta' Ottubru 1992.

Illi din il-karozza ghandha difetti, liema difetti l-attur attira l-attenzjoni tal-konvenuti nomine ghalihom minnufih.

Illi l-imsemmija karozza ddahhlet hafna drabi ghat-tiswija ta' dawn id-difetti fil-garage tal-konvenuti nomine, izda l-‘*mechanics*' taghhom ma rnexxielhomx isibu rimedju ghad-difetti li ghandha.

Illi, b’danakollu, id-difetti ghadhom hemm, kif jirrizulta mic-Certifikat hawn anness u mmarkat Dok. "X", avolja l-konvenuti ma jirrikonoxxux li l-karozza fiha difetti.

Illi l-attur gustament jippretendi li l-karozza li xtara ghandha tkun gdida u mhux wahda difettuza u li m’ghandhiex il-kwalita` tajba miftehma.

Illi l-venditur huwa obbligat jiggarantixxi l-kwalita` tajba tal-haga mibjugha u jizgura li din tkun hielsa minn difetti, izda l-konvenuti naqsu mill-obbligi taghhom, u, ghalkemm ippruvaw hafna drabi jsibu rimedji ghad-difetti, ma rnexxielhomx.

Illi l-konvenuti nomine gew imsejha kemm-il darba biex jirrimedjaw is-sitwazzjoni, izda qeghdin sahansitra jirrifjutaw li ssir laqgha ma' wiehed mid-diretturi dwar il-problema.

Illi l-attur iddepozita fir-Registru tal-Qorti tal-Kummerc, permezz ta' Cedola numru 146/95 tat-23 ta' Gunju 1995, is-somma ta' Lm525 rapprezentanti l-import ta' hames (5) kambjali ta' Lm105 il-wahda li ghalqu bejn Frar u Gunju 1995, u ser ikompli jiddepozita l-import tal-kambjali kollha li fadal, sabiex il-flus jibqghu mizmuma sakemm ikun hemm sentenza finali.

L-istess attur talab li l-konvenuti jghidu ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-attur ghandu dritt ghal karozza gdida Hyundai Lantra, hielsa minn difetti, prevja d-dikjarazzjoni li l-karozza mibjugha lilu hija difettuza.

2. Tikkundanna lill-konvenuti nomine jikkonsenjaw lill-attur karozza gdida Hyundai Lantra, hielsa minn difetti, minghajr ebda zidiet fil-prezz jew tibdil fil-kondizzjonijiet.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' kontra l-konvenuti nomine, li huma ngunti ghas-subizzjoni.

B'rizerva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-attur, inkluza dik ghad-danni, fl-eventwalita` li l-karozza numru O-7070 tieqaf tahdem u l-attur ikun kostrett johrog karozza tal-kiri sakemm tigi mibdula dik ikkonsenjata lilu.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 4 *et sequitur* tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' l-Avukat Andrew Muscat noe a fol. 11 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi in linea preliminari, l-azzjoni attrici saret tardivament u mhux fiz-zmien stipulat mill-ligi *ai termini* tal-artikolu 1431 tal-Kodici Civili (Kap 16).

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju, ir-rimedju tal-attur fil-kaz li jipprova l-allegat difett mohbi fil-karozza mibjugha, huwa dak biss li jew jitlob lura ir-refussjoni tal-prezz billi jirritorna l-karozza, jew li jitlob tnaqqis fil-prezz. Ma jistax jitlob li jinghata karozza gdida, bhal ma qed jaghmel, u ghalhekk din it-talba u t-talbiet l-ohra konsegwenzjali ghaliha ghandhom jigu michuda.

3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju, l-azzjoni ma tista' qatt tigi avvanzata u akkolta ghaliex l-attur baqa'

jzomm il-karozza mibjugha u b'hekk irrinunzja ghat-talbiet minnu avvanzati.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-meritu it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-karozza ikkonsenjata mis-socjeta` konvenuta lill-attur kienet hielsa minn kull difett u tal-kwalita pattwita u maghzula mill-istess attur.  Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut noe a fol.12 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Alfred Formosa noe a fol.14 tal-process fejn eccepixxa:-

1. Illi in linea preliminari is-socjeta` konvenuta UCIM Co Limited mhix il-legittimu kontradittur stante illi ma kienitx hi li bieghet lill-attur il-karozza Hyundai Lantra numru O-7070.

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju, l-azzjoni attrici saret tardivament u mhux fiz-zmien stipulat mill-ligi *ai termini* tal-artikolu 1431 tal-Kodici Civili (Kap 16).

3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju, ir-rimedju tal-attur fil-kaz li jipprova l-allegat difett mohbi fil-karozza, jew li jitlob tnaqqis fil-prezz.  Ma jistax jitlob li jinghata karozza gdida, bhal ma qed jaghmel, u ghalhekk din it-talba u t-

talbiet l-ohra konsegwenzjali ghaliha ghandhom jigu michuda.

4. Illi fir-raba' lok u minghajr pregudizzju, l-azzjoni attrici ma tista' qatt tigi avvanzata w akkolta ghaliex l-attur baqa' jzomm il-karozza mibjugha u b'hekk irrinunzja ghat-talbiet minnu avvanzati.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-meritu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-karozza *de quo* kienet hielsa minn kull difett u ta' kwalita tajba. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess konvenut noe a fol.15 tal-process;

Rat il-verbali tad-9 ta' Frar,1996; tal-21 ta' Gunju,1996 fejn xehed l-attur in subizzjoni dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni; tal-31 ta' Jannar, 1997; u tat-8 ta' Ottubru, 1997;

Rat in-nota tal-attur li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu;

Rat il-verbali tal-10 ta' Dicembru, 1997; tas-6 ta' Mejju, 1998 fejn xehed l-attur in kontro-ezami; tad-19 ta' Gunju,

1998; u tal-5 ta' Frar, 1999 fejn Dr. Tonio Azzopardi ghall-attur iddikjara li m'ghandux provi aktar;

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta li permezz taghha esebiet xhieda ta' Emanuel Micallef limitament dwar l-ewwel eccezzjoni;

Rat il-verbali tal-31 ta' Mejju, 1999; tad-19 ta' Jannar, 2000; tat-8 ta' Mejju, 2000; tad-9 ta' Ottubru,2000; tas-16 ta' Novembru,2000; tal-15 ta' Marzu,2001 fejn inghata digriet tal-affidavits ghall-konvenut; tal-11 ta' Lulju, 2001 fejn il-konvenuti u difensur taghhom imsejha tlett darbiet baqghu ma dehrux. Dr. Azzopardi ddikjara li m'ghandux kontro-ezami x'jaghmel lix-xhieda prodotti bl-affidavit. Il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Meridian Enterprises Limited ghat-12 ta' Dicembru, 2001.

Rat in-nota tal-partijiet kollha fil-kawza tal-4 ta' Dicembru 2001 fejn il-partijiet qablu li s-sentenza ghandha tinghata kemm dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta Meridian Enterprises Limited kif ukoll dwar it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta l-ohra U.C.I.M. Co Limited stante li z-zewg eccezzjonijiet qed jeccepixxu l-preskrizzjoni identika *ai termini* tal-artikolu 1431 tal-Kap 16.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-5 ta' Dicembru 2001 fejn il-Qorti laqghet it-talba tal-istess partijiet u halliet il-kawza ghas-sentenza kemm fuq l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta`

konvenuta Meridian Enterprises Limited kif ukoll fuq it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta U.C.I.M. Co Ltd dwar il-preskrizzjoni abbazi tal-artikolu 1431 tal-Kap 16.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din is-sentenza hija limitata purament ghall-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Andrew Muscat ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Meridian Enterprises Limited u dwar it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` U.C.I.M. Co Ltd fejn eccepew:-

*"Illi in linea preliminari, l-azzjoni attrici saret tardivament u mhux fiz-zmien stipulat mill-ligi ai termini tal-artikolu 1431 tal-Kodici Civili (Kap 16)."*

Illi l-kawza odjerna titratta dwar bejgh ta' karozza li l-attur xtara minghand il-konvenuti nomine, li giet konsenjata lilu fil-21 ta' Ottubru, 1992. Huwa qed jallega li tali karozza fiha difetti, ghall-liema difetti attira l-attenzjoni tal-konvenut nomine minnufih. Din il-karozza ddahlet hafna drabi ghat-tiswija ta' dawn id-difetti fil-*garage* tal-konvenuti noe, izda l-"*mechanics*" taghhom ma rnexxielhomx isibu rimedju ghad-difetti. Illi pero' allegatament dawn id-difetti ghadhom

hemm kif jirrizulta mic-certifikat tal-Ing. Pierre Ciantar. L-attur min-naha tieghu qed jippretendi li l-karozza li xtara ghandha tkun gdida u mhux wahda difettuza u li m'ghandhiex il-kwalita' tajba miftehma. Illi ghalkemm il-konvenuti noe gew imsejha kemm-il darba biex jirrimedjaw is-sitwazzjoni izda huma rrifjutaw li ssir laqgha ma' wiehed mid-diretturi dwar il-problema.

Illi preliminarjament il-konvenut Av. Dottor Andrew Muscat ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Meridian Enterprises Limited eccepew l-eccezzjoni surriferita.

Illi **l-attur** in subizzjoni xehed illi l-karozza in kwistjoni xtraha u giet konsenjata lilu fil-21 ta' Ottubru, 1992. Huwa qal illi ftit granet wara li xtraha nduna illi meta kien jipprova iqabbadha ma kienitx taqbadlu. Huwa elenka diversi difetti ohra u qal illi kien gibed l-attenzjoni tal-konvenuti ghal tali difetti qabel ma kien sar l-ewwel *service* fil-karozza. Ma kienx jaf jippreciza d-data ta' meta sar l-ewwel *service*, pero' probabilment kien f'terminu ta' gimghat wara illi kien xtraha peress illi l-karozza riedet taghmel 1000 kilometru. Dan sar f'Jannar, 1993. Huma kienu qalulu li dawn id-difetti kienu se jarawhom waqt is-*service*. Huwa semma' wkoll li wara dan kien semmielhom difett aktar gravi li kien jirrigwarda l-*isteering*. Huwa ma kienx jaf id-dati ta' meta kien ikellem lis-socjeta' konvenuta peress li m'ghandux ir-*records* taghhom u s-socjeta' konvenuta ma kienitx taghthomlu.

Illi fl-affidavit tieghu huwa semma d-diversi difetti li bdew jirrizultaw fil-karozza u li kienu jeffettwaw l-"*overall performance*" tal-vettura. Erba' difetti msemmija gew sussegwentement imsewwija. Huwa qal illi kien talab lill-*Garage Manager* biex jiffissa laqgha ma' espert tal-Hyundai matul iz-zjara tieghu f'Malta, u dan biex il-vettura tigi spezzjonata minn espert u biex issir it-tiswija mehtiega tad-difetti kollha li kellha.Izda dan infurmah li r-rapprezentanti tal-Hyundai kienu qed jirrifjutaw li jiltaqghu mal-klijenti Maltin, u infurmah li l-karozza tieghu ma kellha l-ebda difetti.

S'hawnhekk kienu diga' ghaddew xi tmintax-il xahar mindu kien xtara l-karozza. Meta ra li ma kien wasal imkien mar ikellem lill-*General Manager* tal-kumpanija, Mario Xuereb.Izda minkejja t-tentattivi dan baqa' qatt ma ltaqa' mieghu.Kwindi permezz ta' l-avukat tieghu kitbilhom sabiex issir laqgha mad-dirigenti tal-kumpanija, izda l-kumpanija ma tatx widen ghal dan u rrifjutat li jiltaqghu ghax baqghet dejjem issostni li l-karozza tieghu ma kellhiex difetti u li ma kellux ragun skond il-ligi. Hu kompla li l-kawza fetahha meta ma ra l-ebda possibilita' ohra biex isib rimedju ghas-sitwazzjoni li sab ruhu fiha. Fil-frattemp zviluppaw difetti ohrajn. Inoltre' l-attur qal illi l-karoza kienet ilha sena u nofs – minn Awissu 1995 – wieqfa u ma tistax tigi misjuqa minhabba li l-magna zviluppawlha hsejjes u hsarat godda filwaqt li zviluppaw ukoll hsejjes mekkanici fuq in-naha ta' quddiem. Barra dan, l-"*steering rack*" huwa mhassar, l-"*engine power"* tant sar baxx li l-karozza bilkemm tista' titla'

telgha. Hu qal li l-ahhar darba li mar jixghel il-magna, il-karozza ma setghet tistartja b'xejn. Fl-ahharnett qal illi d-difetti kollha li semma' sehhew kollha waqt li l-karozza kienet ghadha bil-garanzija.

In kontro-ezami qal illi l-karozza kienet kwazi waqfitlu ftit xhur qabel ma skadiet il-garanzija ta' tlett snin. Dana l-fatt gara wara li kien intavola l-kawza fl-24 ta' Awissu, 1995. Huwa qal illi ma kienx kellem lis-socjeta' konvenuta dwar dan l-ilment. Hu qal illi l-karozza ma tistax tigi wzata il-ghaliex ma timxix u ilha wieqfa ghal dawn l-ahhar sentejn bejn wiehed u iehor.

Xehed ukoll **Emanuel Micallef** li hu *Service Manager*. Hu kien responsabbli minn l-*after sales services* tal-kumpanija konvenuta meta l-attur xtara l-karozza in kwistjoni, u esebixxa l-*job cards* relattivi. Huwa elenka fl-affidavit tieghu l-ilmenti tal-attur u d-dati ta' meta hu kien talabhom biex jiccekkjawhomlu. Huwa qal illi sakemm il-karozza in kwistjoni baqghet tiddahhal regolarment ghas-"*service*" taghha gewwa l-garaxx tal-kumpanija konvenuta, l-istess karozza kienet tahdem b'mod tajjeb u regolari u ma kellha xejn li b'xi mod jitqies gravi jew li m'huwiex ordinarju.

Illi l-avukat difensur tal-attur ipprezenta *seduta stante "Condition Report*" li sar minn Cecil Attard li hu persuna teknika datat 17 ta' Marzu, 1995.

Illi l-**artikolu 1431 tal-Kodici Civili, Kap. 16** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi :-

*"L-azzjoni redibitoria u l-azzjoni stimatorja jaqghu bil-preskrizzjoni ghal dawk li huma immobbli l-gheluq ta' sena minn dakinhar tal-kuntratt, u ghal dawk li huma hwejjeg mobbli bl-gheluq ta' sitt xhur minn dakinhar tal-kunsinna tal-haga mibjugha.*

*(2) Izda jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx fil-haga, iz-zminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx ighaddu hlief minn dakinhar li seta' jkun jaf li hu jikxef dak id-difett."*

Illi s-sentenza **Carmelo Buttigieg vs Eucharist Zammit** (Cit. Nru: 720/85 deciza 7/10/1997), il-Qorti tal-Appell ghamlet referenza ghal bosta sentenzi rigwardanti l-mertu tal-vertenza odjerna. Intqal hekk :-

*"Issa hu stabbilit illi l-gurisprudenza nostrana hi tista' tghid konkordi li dan it-terminu hu wiehed ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni anke jekk l-artikolu rilevanti fuq citat jikkwalifikah bhala perjodu ta' preskrizzjoni. Id-dekadenza dalla prescrizione differisce tuttavia per la specifica funzione che assolve la quale consiste nel limitare entro un breve e talvolta brevissimo tempo lo stato d'incertezza delle situazioni giuridiche….*

*Per questa sua specifica funzione la decadenza non ammette ne interruzione, ne di regola, sospensione….Essa non puo' essere impedita se non dal compimento dell'atto…*

*La ragione per la quale determinati diritti sono sottoposti a decadenza, anziche a prescrizione, e' solo nella valutazione legislativa di limitare, in certi casi, ad un tempo assai, breve l'incertezza delle situazioni giuridiche senza ammettere- qui sta la differenza fra decadenza e prescrizioni brevi-ne interruzione ne, di regola sospensione.(Diritto Privato-9na ediz.- Francesco Galgano,1996,pp.990 et seq.)"*

Inoltre' inghad illi:-

*"It-terminu msemmi fl-***artikolu 1431(2) tal-Kodici Civili** *biex ix-xerrej ikun jista' jgib il quddiem l-azzjoni tieghu jibda jiddekorri minn dakinhar li seta' jkun li hu jikxef dan id-difett. Dan it-terminu hu terminu ta' dekadenza u ghalhekk huwa perentorju (Ara Camilleri vs Calascione noe, Vol.XXXVIII.iii.723; Edward Fenech vs Gaetano Spiteri, deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Lulju, 1990)."*

L-Onorabbli Qorti tal-Appell kompliet tghid li :-

*"Certament hu stabbilit illi tali terminu ma jistax jigi interrott perjodu preskrittiv. Infatti wiehed ma jistax, fil-fehma ta' din il-Qorti, iqis li hemm interruzzjoni tat-terminu fis-sens veru u*

*proprju tal-kelma, imma pjuttost ir-<u>rikonoxximent</u> da parti tal-venditur ta' l-ezistenza tad-difetti mohbija u bl-<u>obbligazzjoni</u> espressa jew tacita li jirrimedja ghalih. Li jfisser illi l-azzjoni tal-kompratur tigi salvata u tibqa' esperibbli bhala effett ta' din l-obligazzjoni u mhux ta' l-interruzzjoni tal-perjodu ta' dekadenza li jkun qed jiddekorri. Huwa r-<u>rikonoxximent</u> tad-difett u tar-responsabbilita' da parti tal-venditur li jsalva l-azzjoni tal-kompratur u mhux l-interruzzjoni unilaterali da parti tal-kompratur tal-perjodu estintiv ta' l-azzjoni. Jekk ix-xerrej jirrikonoxxi d-difetti u jirrikonoxxi r-responsabbilita' tieghu ghalih, iz-zmien ta' sena (jew xahar-**illum sitt xhur** )stabbilit mil-ligi, jibda jghaddi minn dakinhar li jsir tali rikonoxximent (Vol.XXII.iii.p.79)(Galea vs Calleja, Kummerc, 8/01/1965)."*

*"Biex il-kompratur jista' jsostni l-azzjoni tieghu proposta wara d-dekors ta' zmien jehtieglu jipprova li huwa, <u>fi zmien utili</u> informa lill-venditur bil-vizzju tal-haga u dan, f'dan iz-zmien, ipprometta li jiehu l-haga lura jew almenu irrikonoxxa jew ma kkontrastax l-ezistenza tal-vizzju. Ir-rikonoxximent tal-vizzju da parti tal-venditur biex jissospendi d-dekadenza <u>irid ikun car, formali, esplicitu u inkondizzjonat</u> (Vol. XXXVIII.iii.723).(Fenech vs Spiteri, Appell, 4 ta' Lulju, 1990)."*

L-istess Qorti rreferiet ghall-kaz iehor fejn intqal :

*"Id-denunzja tal-vizzju lill-venditur, anke ufficcjalment, ma tiswix biex izzomm l-azzjoni, u lanqas ma jiswew it-trattativi*

*li, waqt li jkun ghaddej iz-zmien, ikunu bdew bejn il-kontraenti biex jirrisolvu d-diffikultajiet li jkunu graw, ammenoche bhala effett u fil-kor ta' l-istess trattativi l-venditur ma jkunx spicca biex irrikonoxxa w ammetta l-ezistenza tal-vizzju u l-konsegwenzjali legittimita' tar-reklam u akkonsentixxa, per ezempju, li jiehu lura l-haga jew jaghmlilha rireparazzjonijiet okkorrenti. (Vol.XLI.iii.776). U gie wkoll deciz illi <biex l-azzjoni redibitorja tigi ritenuta ezercitata fi zmien utili> f'kaz tal-konfessjoni tal-venditur dwar l-ezistenza u pre-ezistenza tal-vizzju, jehtieg li dik il-konfessjoni tkun giet ottenuta mill-kompratur <nel termine> u cioe' fi zmien tax-xahar (f'dan il-kaz) li fih kellu jagixxi l-attur (Camilleri vs Calascione, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-29 ta' Ottubru, 1954)."*

Illi rigward it-tieni sub-artikolu ta' l-artikolu 1431 tal-Kap. 16 il-Qorti tal-Appell ikkummentat :-

*"Inoltre' din il-Qorti hi ta' l-opinjoni li bil-kliem tat-tieni subartikolu fuq imsemmi, indikanti d-dies a quo tad-dekorrenza ta' terminu ta' xahar (illum sitt xhur) stabbilit mill-ligi, cioe' il-kliem <minn dakinhar li seta' jkun li hu jikxef id-difett> ghandhom ikunu interpretati fis-sens li d-dies scientiae ma hux dak li fih tigi notata jew riskontratta l-irregolarita` fil-funzjonament, imma huwa dak li jigi accertat id-difett. Dan hu partikolarment il-kaz fil-bejgh ta' ingenji jew apparati ta' struttura delikata u teknikament komplikata, bhal ma huma washing machine, refrigerators etc.,li llum il-gurnata saru ta' uzu domestiku komuni. M'huwiex logiku li*

*wiehed jirritjeni li malli x-xerrej jirriskontra xi rregolarita' funzjonalment jikkonkludi li din l-irregolarita' hi difett li qed jirrendi l-apparat minnu mixtri mhux tajjeb ghall-uzu mahsub, u li fil-pront jistitwixxi azzjoni, imma jidher aktar logiku li jinghad f'kaz simili, stante l-possibilta' li si tratta mhux ta' veru difett imma ta' semplici rregolarita' facilment reparabbli, ix-xerrej jirrikorri lill-bejjiegh biex dan sia pure taht il-garanzija li soltu tigi rilaxxjata ma' bejgh ta' attrezzi simili jipprovdi ghar-riparazzjoni."(Vol.XLVII.i.556).*

*Dan ma jfissirx pero' li x-xerrej jista' jibqa' inattiv anke meta d-difett ikun gie kjarament stabbilit. Id-dies scientiae hu dak li fih jigi definnitavament accertat id-difetti. B'dana kollu hemm zgur punt fiz-zmien li fih l-izvilupp progressiv ta' vizzju jista' jinghad li jkun lahaq kumulattiv li ghandu ragjonevolment jgharraf lix-xerrej bl-ezistenza tieghu u minn dak il-punt jibda jitqies iz-zmien ta' l-azzjoni jew inazzjoni ta' l-istess xerrej ghall-finijiet ta' l-artikolu 1481 (issa 1431) tal-Kodici Civili" (Emanuele Florian vs Rosario Desira, deciza minn din il-Qorti fid-9 ta' Gunju, 1969)."*

Illi meta tali insenjamenti jigu applikati ghall-kaz mertu tal-vertenza odjerna jirrizulta mill-provi prodotti li sa minn ftit wara li l-karozza giet konsejata lill-attur beda jirriskontra xi difetti fiha. Huwa mill-ewwel informa lill-venditur b'dan. Biss qalulu sabiex jistenna l-ewwel *service,* kif fil-fatt ghamel u milli jirrizulta mill-*job card* (Dok.JC 1 a fol.49 tal-process) l-ilmenti kien ghamilhom u gew iccekkjati. Mill-affidavit tal-attur innifsu, kif ukoll mix-xhieda moghtija minnu in

subizzjoni u in kontro-ezami rrizulta li d-difetti allegati mill-attur kienu diversi li mhux kollha rrizultaw fl-istess zmien tant li l-kulmine ntlahaq meta l-karozza mertu tal-vertenza odjerna waqfet kompletament (wara li giet intavolata l-azzjoni odjerna). Illi m'hemm l-ebda dubju li l-attur dahhal il-karozza hafna drabi fil-*garage* tal-kumpanija konvenuta ghal ilmenti differenti. Evidentement huwa ma baqax inattiv.

Illi a bazi tal-**artikolu 1431(2)** meta x-xerrej ma setax ikun li jikxef id-difett li ma jidhirx fil-haga, bhal fil-kaz odjern, iz-zmien imsemmi ma jibdhiex jghaddi hlief minn dakinhar li seta' jkun jaf li hu jikxef dak id-difett. Illi rrizulta li s-socjeta' konvenuta bl-ebda mod qatt ma rrikonoxxiet tali difetti, u sahansitra rrifjutat b'mod kategoriku li tigi ffissata laqgha ma' l-espert ta' barra u fin-nuqqas mal-*General Manager* tal-kumpanija. Anzi fl-affidavit tieghu, Emanuel Micallef qal *"Inzid nghid illi sakemm il-karozza in kwistjoni baqghet tiddahhal regolarment ghas-service taghha gewwa l-garaxx tal-kumpanija konvenuta, l-istess karozza kienet tahdem b'mod tajjeb u regolari u ma kellha xejn li b'xi mod jista' jitqies gravi jew li m'huwiex ordinarju."*

Illi skond is-sentenza fuq citata "id-*dies scientiae*" huwa dak li fih jigi accertat id-difett. Illi karozza zgur li taqa' taht dak li l-Onorabbli Qorti tal-Appell tikkwalifika bhala bejgh ta' ingenji jew apparati ta' struttura delikata u teknikament komplikata. Huwa ghalhekk illogiku li wiehed kif jinduna b'xi irregolarita' funzjonalment jikkonkludi li dan id-difett

jirrendi l-apparat minnu mixtri mhux tajjeb ghall-uzu mahsub, u fil-pront jistitwixxi azzjoni.

Illi tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li l-attur ma hax hsieb il-karozza tieghu b'dan li dam wisq biex jikkonstata jekk l-allegati nuqqasijiet fil-karozza tieghu kienux jammontaw ghall-difetti vera proprja li jintitolawh jibda jew jinizja l-azzjoni odjerna.  Anzi hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-allegati difetti setghu jigu accertati effettivament ferm qabel ma nhareg ir-rapport tat-tekniku Cecil Attard datat 17 ta' Marzu, 1995.

Illi dan huwa kkonfermat mill-fatt li mill-provi prodotti s-socjeta` konvenuta tramite l-impjegati taghha qatt ma rrikonoxxiet li kien hemm difett jew difetti fl-istess karozza u ghalhekk fin-nuqqas ta' tali konfessjoni tal-venditur dwar l-ezistenza u l-pre-ezistenza tal-vizzju tali trattativi li saru bejn l-istess attur u l-venditur ma jiswewx sabiex iwaqqfu t-terminu li fih tigi istitwita l-azzjoni (**'Camilleri vs Calasione'** – Kummerc 29 ta' Ottubru, 1994).

Illi kif inghad fis-sentenza "**Emanuele Florian vs Rosario Desira**" (Appell 9 ta' Gunju, 1969) il-fatt li x-xerrej mhux tenut li jagixxi gudizzjarjament immedjatament wara li jiskontra xi irregolarita ghaliex tali rregolarita tista' ma tkunx tammonta ghal difett li jirrendi l-apparat minnu mhux tajjeb ghall-uzu mahsub min-naha l-ohra "*dan ma jfissirx pero` li x-xerrej jista' jibqa' inattiv meta dan id-difett ikun gie kjarament stabbilit, id-dies scientiae hu dak li jigi*

*defenittivament accertat id-difetti. B'dan kollu hemm zgur punt fiz-zmien li fih l-izvillup progressiv ta' vizzju jista' jinghad li jkun lahaq effett kumulattiv li ghandu ragonevolment jgharraf lix-xerrej bl-ezistenza tieghu u minn dak il-punt jibda jitqies iz-zmien ta' azzjoni jew inazzjoni tal-istess xerrej ghall-finijiet tal-**Artikolu 1431** tal-Kodici Civili* ".

Illi fis-sentenza "Edward Fenech et noe vs Gaetano Spiteri" (App 4 ta' Lulju, 1990) gie riaffermat li "*il-Qorti ma tistax tirrespingi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li jirrizulta abbondantament li wisq aktar minn sena kienet ghaddiet, kemm id-data tal-kuntratt kemm id-data ta' meta x-xerrej seta' jikxef id-difett li ma kienx jidher dak in-nhar tal-kuntratt. Dak il-mument ma jistax jintrabat mad-data tar-rapport tal-Perit Muscat Azzopardi izda minn dik id-data meta x-xerrej seta' 'ictu oculi' jara d-difett jizvilluppa u jizdied"*. ... ... "*Dan iffisser li l-atturi minn xi Novembru 1979 ghad li huma ndundaw li kien hemm id-difett lamentat fil-madum qaghdu inerti sa Novembru 1983 meta fl-ahhar qabdu lill-Perit Muscat Azzopardi biex jindaga dwaru*".

Illi abbazi tal-premess hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li ghalkemm fil-ligi nostrali m'hemmx bzonn li fil-mument tal-bejgh ix-xerrej ikollu mieghu espert tekniku jew l-ghajnuna ta' espert fil-materja dwar l-oggett li jkun oggett ghax-xiri u dan kif inghad fis-sentenza "**Joseph Sciberras vs Joseph Debattista noe**" (P.A. (NA) 31 ta' Jannar, 2000), min-naha l-ohra meta l-oggett ta' l-ilment ikun baqa' sejjer ghal zmien konsiderevoli u l-attur jillimita ruhu biss sabiex iressaq l-

ilmenti tieghu lill-bejjiegh li min-naha tieghu minghajr ma jirrikonoxxi l-ezistenza ta' tali difett jipprova jirranga jew jitratta dwar l-istess ilment, ix-xerrej ma jistax jillimita ruhu tul dan iz-zmien kollu biss biex jisma' dak li qed jghidlu x-xerrej izda ghandu l-obbligu li jfittex u jikkonstata jekk dak li qed jilmenta minnu hux tassew difett ta' natura latenti jew xort' ohra.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in kwistjoni jirrizulta li l-karozza giet ikkonsenjata lill-konvenut fil-21 t'Ottubru 1992, u ghalkemm induna bl-allegati difetti mill-ewwel kien biss fl-ewwel *service* tal-karozza f'Jannar 1993 li l-istess karozza nhadet ghand is-socjeta` konvenuta. Wara dak in-nhar l-istess attur sostna li huwa rriskontra diversi difetti ohra fl-istess karozza li gew ukoll irrangati pero` l-prestazzjoni tal-istess karozza baqghet xorta wahda mhux ottimali u kien biss wara sentejn u nofs li lilu giet ikkonsenjata l-karozza li huwa mar ghand persuna li tifhem sabiex jikkonstata n-natura tal-ilmenti dwar l-istess vettura. Tant hu minnu dan li c-certifikat ex-parte tas-Sur Cecil Attard huwa datat 17 ta' Marzu, 1995 u fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan il-perjodu ta' sentejn u sitt xhur mid-data ta' meta giet ikkonsenjata l-karozza lill-attur huwa twil wisq sabiex jinghad li l-attur ma naqasx biex jirrivendika d-drittijiet tieghu taht din l-azzjoni fi zmien utili. Anzi mill-ezami tal-provi fir-rigward ta' dan l-aspett tal-kawza din il-Qorti hija sodisfatta li l-attur m'agixxiex tempestivament sabiex jissalvagwardja d-drittijiet tieghu, anzi wera li kien ferm negligenti peress li la darba huwa baqa' jsostni li d-difetti

minnu lamentati mhux biss ma waqfux izda zdiedu, fl-opinjoni ta' din il-Qorti huwa kellu jagixxi ferm qabel sabiex ikun f'posizzjoni li jaccerta ruhu li kien jezisti difett fl-istess vettura u jigi stabbilit ukoll li tali difett kien jezisti fiz-zmien tal-bejgh. Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza gia citata "**Carmelo Buttigieg vs Eucharist Zammit et noe**": "*Difett li baqa' kostantament jimmanifesta ruhu fil-karozza ghall-perjodu ta' tlett snin jew izjed* (f'dan il-kaz sentejn u nofs) *independentement milli jekk f'dan iz-zmien dan id-difett kienx aggrava ruhu jew le"* jirrendi lill-attur negligenti stante li ma aggixxiex fit-terminu debitu u rikjest mill-ligi sabiex huwa jikkonstata n-natura tal-ilment minnu vantat fiz-zmien ragonevoli wara li huwa xtara l-istess vettura.

Illi ghalhekk in vista tal-premess din il-Qorti thoss li la darba l-azzjoni giet biss intavolata fl-24 ta' Marzu, 1995 jirrizulta li l-azzjoni giet hekk prezentata wara t-terminu rikjest mill-ligi skond l-**artikolu 1431 tal-Kap 16** u ghalhekk ma saritx fit-terminu ta' sitt xhur rikjest mill-istess artikolu kemm jekk dak it-terminu huwa kkalkulat minn dak in-nhar tal-kunsinna tal-haga mibjugha, kemm jekk tali terminu jigi kkalkulat minn dak in-nhar li seta' jkun jaf li huwa jikxef dak id-difett, u ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni da parte tas-socjeta` konvenuta Meridian Enterprises Limited ghandha tigi milqugha, kif ukoll l-istess ghandha tintlaqa' t-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta l-ohra U.C.I.M. Co Ltd.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta Meridian Enterprises Limited u t-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta U.C.I.M. Company Limited** u tiddikjara li l-azzjoni hija preskritta *ai termini* tal-**artikolu 1431 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**12 ta' Dicembru, 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**12 ta' Dicembru, 2001.**